QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
SEZZJONI FAMILJA

MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF). ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 34/2022 BS**

**JM**

**-vs-**

**L-Avukat Dr Joseph Grech L.L.D., maħtur bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil CM, ai termini tad-digriet tal-20 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur illi ppremetta:**

1. Illi-partijiet cioe' ir-rikorrenti JM u CM nee' M, izzewgu fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, Malta, liema żwieġ jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, bin-numru progressiv mija u hamsin tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (150/2021). Dan hekk kif jidher mic-Ċertifikat taz-Zwieg hawn anness bhala Dok. A;

2. Illi mir-relazzjoni tagħhom kellhom wield wieħed; ċioe' tifla li jisimha KM, li twieldet fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax

(2017). Dan hekk kif jidher mic-Certifikati tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. B, bin-numru progressiv sebgħa mija u wieħed u sittin tas-sena elfejn u sbatax (761/2017). Liema bint hija minorreni;

3. Illi l-unika propjeta mmobbli formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwista huwa l-fond Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, li kien akkwistat fiż-żwieġ;

4. Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom ġiet reża impossibbli minħabba raġunijiet imponibbli lill-intimata CM u li eventwalment taw lok għas-sitwazzjoni preżenti bejn il-kontendenti, u konsegwenza ta' hekk tkisser iż-żwieġ tkissier irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża;

5. Illi l-intimata CM abbandunat lir-rikorrenti u l-binthom u dan kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża;

6. Illi l-esponenti ma għandux konoxxenza ta' fejn tinsab lokata l-intimat CM u dana stante' li l-aħħar indirizz li għexu flimkien kien Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex. Illi l-esponenti saħansitra għamel sensiela ta' tentattivi sabiex l-konvenuta tkun notifikata f'diversi indirizzi iżda dan kollu kien għalxejn;

7. Illi konsegwentament l-medjazzjoni bejn il-partjiet ma seħħitx peress li l-konvenuta ma setgħatx tiġi notifikata, u l-esponenti fl-atti tal-medjazzjoni talab għal ħatra ta' kuraturi depuati sabiex jirrapreżentaw lill-Konvenuta CM. Illi wara li l-bandi relattivi ġew debitament maħruġa u imwaħħla u notifikati, u ma deher ħadd biex jaċċetta l-bandu, fl-20 ta' Settembru, Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, nnominat lill-**Avukat Dottor Joseph Grech** sabiex jirrapreżenta lil CM, fl-atti tal-imsemmija Ittra ta' medjazzjoni u l-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti. Kopja ta' liema digriet qiegħed jiġi hawn anness u mmarkata bħal Dok "C". Illi huwa għalhekk li l-esponenti qiegħed jipprosegwi fil-konfront ta' Dr. Joseph Grech bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezenta lill- konvenut;

8. Illi fl-atti tal-medjazzjoni (bin-numru 32/2022) fl-istess ismijiet, l-esponenti ppreżenta rikors sabiex l-esponenti jkollu b'mod

esklussiv il-kura u l-kustodja tal-minuri, liema talba kienet milqugħha proviżorjament f'seduta miżmuma fl-atti tal-medjazzjoni fit-13 ta' Ottubru 2022;

9. Illi l-esponenti huwa l-iktar idoenju fost il-kontendenti sabiex jiehu dawk id-deċiżjonijet kollha importanti għall-aħjar ġid tal-bint minuri fosthom dawk li jirrigwardja, is-saħħa, l-edukazzjoni tal-minuri;

10. Illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-esponenti jiġi awtorizzat li b'mod esklussiv u permanenti jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha meħtieġa fl-interessi supremi tiegħu waħdu bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita' tal-ġenitur skont id-dispozizzjoniji tal-Liġi;

11. Illi l-intimat baqa' inadempjenti fl-obbligazzjonijiet imposti fuqha bħala ġenitur bil-Liġi, senjatament l-obbligazzjonijiet kif imposti a tenur tal-Artikolu 3B tal-Kodici Ċivili ta' Malta (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

12. Illi l-esponenti ġie awtoriżżat fit-tlettax (13) t'Ottubru 2022 jipproċedi bir-rikors ġuramentat mill- Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, u dan fl-atti tal-medjazzjoni 32/2022;

13. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għaliex il-ħajja konjugali bejniethom m'għadhiex aktar possibbli minħabba raġunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta u dan illi llum iż-żwieġ tal-kontendi tkisser b'mod irrimedabbli minħabba ħtija unikament imputabbli lill-konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri KM esklussivament f'idejn ir-rikorrenti missier, b'dana illi l-minuri tkompli tirrisjedi mal-missieri li jkun jista' tieħu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport,

u safar esklussivament waħdu mingħajr htiega tal-firma tal-konvenuta;

3. Tapplika kontra l-intimata l-effetti tal-artikoli 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li titlef kull dritt li tiret lill-esponenti;

4. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex m'ghadux aktar jitqies bħala d-dar matrimonjal tal-konjugi M;

5. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi, u dan għalih u għall-istess minuri KM, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti, pagabbli mill-konvenuta lill-istess rikorrenti fil-ġimgħa jew fix-xahar kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u bi provvedimenti jekk opportun, għal zieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-hajja, jew jekk hekk jidher xierqa lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali u/jew tassenja proprjeta' immobiljari lill-attur cioe' is-sehem ta' nofs indiviz (1/2) tal-Konvenuta mill-fond Edelwiss Crt, Chakimjes, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex fil-fehma tal-Qorti tkun ġusta u suffiċjenti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 54 tal-Kap 16;

6. Tawtorizza lir-Rikorrenti sabiex jgħix separatament minn ma' martu CM u tawtorizzah jaghmel l-atti kollha tal- hajja ċivili mingħajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenuta, filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dana illi kwalunkwe assi mobbli jew immobbli huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, kwalunkwe kontijiet bankarji ezistenti huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjes kollha, kompriżi dawk inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u fl-atti tad-digrieti li nghataw fil-medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil CM illi eċċepixxa:**

1. Illi huwa ġie nominat permezz ta′ digriet ta′ din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta′ Settembru, 2022 sabiex jirrappreżenta lil CM;

2. Illi l-esponenti għadu ma huwiex edott mill-fatti tal-każ stante li ma għandu ebda kuntatt mal-istess CM;

3. Illi madankollu l-esponenti qiegħed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji matul il-kawża skond [sic] il-liġi.

Fliet l-atti fl-intier tagħhom.

Rat ir-rikors ta′ l-attur tal-25 ta′ Novembru, 2022 li permezz tiegħu talab ix-xoljiment tal-komunjoni ta′ l-akkwisti.[1]

Rat li fis-seduta tad-29 ta′ Marzu, 2023 il-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata sentenza dwar it-talba ta′ l-attur għal waqfien tal-kommunjoni ta′ l-akkwisti.

**Ikkunsidrat.**

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet jinsabu f′kawża ta′ separazzjoni. Miż-żwieġ tal-partijiet twieldet tifla fit-03 ta′ Frar, 2017. L-attur qed jitlob ix-xoljiment tal-kommunjoni ta′ l-akkwisti f′dan l-istadju bikri tal-kawża.

**Ikkunsidrat.**

L-artikolu rilevanti għat-talba in diżamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta′ Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista′, f′kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta′ firda, fuq talba ta′ wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti*

[11] A fol 20 tal-process

*jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inċiż 4 tal-artikolu preċitat jipprovdi li qabel tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża.

Din il-Qorti fliet l-atti u hija tal-fehma illi l-akkoljiment tat-talba ta' l-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod ma hi ser tkun ta' ebda preġudizzju għall-konvenuta u dana billi l-konsegwenza tat-terminazzjoni tal-kommunjoni hija biss li l-konvenuta mhux ser tkun aktar tista' tippretendi li tipparteċipa fid-dħul tal-attur u dana billi kull talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni twassal għal waqfien tal-kommunjoni bil-konsegwenza li dak li jdaħħal parti fiż-żwieġ bil-ħidma lavorativa tiegħu jew tagħha ma jibqax aktar komuni.

Wara li għarblet il-fatti kollha din il-Qorti ma rriskontratx elementi li per se jammontaw għal "preġudizzju mhux proporzjonat" li l-Leġislatur kellu f'moħħu meta ġie promulgat l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16. Irid jingħad ukoll li l-waqfien tal-komunjoni ma jistax jitqies fih innifsu bħala preġudizzju mhux proporzjonat u *dunque* l-Qorti mhux tqis il-waqfien tal-kommunjoni fid-dħul tal-partijiet bħala preġudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-liġi.

Infatti l-Qorti tal-Appell qalet hekk :- "*.........il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici.*"[2]

Ingħad ukoll illi "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.......t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*"[3]

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talba ta' l-attur.

---

[2] Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell , deciza fit-30 ta' Ottubru 2015
[3] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, Qorti ta' l-Appell, deciza fit- 28 ta' Marzu 2014

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' l-attur tal-25 ta' Novembru 2022 billi tilqa' t-talba kif dedotta u konsegwentement:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna li din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku a spejjeż ta' l-attur.

Spejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur